MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 110/2009

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici fis-6 ta' April, 2009, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. **ILLI** l-kontendenti ikkontrattaw iz-zwieg fit-28 ta' Gunju 2004, hekk kif jidher mill-estratt tal-Att taz-Zwieg, hawn anness u mmarkat bhala **Dok. EC 1**;

2. **ILLI** mill-imsemmi zwieg il-kontendenti ma' kellhomx tfal;

3. **ILLI** l-kontendenti huma separati legalment minn xulxin permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Patricia Hall tal-25 ta’ Awissu 2008;

4. **ILLI** l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom hu vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

5. **ILLI** l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

6. **ILLI** ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u minghajr ebda effett fil-Ligi;

7. **ILLI** ghalhekk kellu jigi ntavolat dan ir-rikors guramentat.

Talbet ghar-ragunijiet fuq imsemmija li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, illi :

**1.** TIDDIKJARA li z-zwieg hawn fuq imsemmi celebrat bejn il-kontendenti fit-28 ta’ Gunju 2004 huwa null u minghajr ebda effett fil-Ligi.

**BL-ISPEJJEZ** kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat illi l-konvenut baqa kontumaci f’din il-kawza;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attrici;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici xehdet illi hija izzewget lill-konvenut fit-22 ta’ Gunju 2004, minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal u huma isseparaw legalment permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali datat 25 ta’ Awissu 2008. L-attrici xehdet illi meta iltaqghet mal-konvenut hija kellha hmistax (15) il-sena u hu kellu sbatax (17) il-sena. Hija u l-konvenut kienu ghamlu xi tlett snin johorgu flimkien, izda gieli kienu jiggieldu u il-konvenut kien johrog ma tfajliet ohrajn. Wara xi tlett snin meta l-attrici kellha madwar tmintax (18) il-sena il-konvenut kellu l-problema tad-droga u ghamel program ghar-riabilitazzjoni mid-droga. Hija kienet thassritu u taghtih l-appogg taghha kollu, izda wara xi sena saret taf illi matul l-ewwel sentejn li kienet bdiet tohrog mal-konvenut, il-konvenut kien johrog ukoll ma tfajla ohra. Meta affacat lill-konvenut b’dan il-fatt, huwa kien ammetta illi kien qalibilha u ghalhekk iddecidiet illi ma tkomplix tohrog mieghu. Ghalhekk ghamlu sentejn mhux flimkien u l-attrici harget ma guvintur ohrajn, izda il-konvenut kien iffittixha u jitlobha sabiex terga tirranga mieghu peress li kien jghidilha li kien inbidel u li kien iddispjacih ta’ dak illi kien ghamel. Wara xi sentejn, meta l-attrici kellha madwar ghoxrin sena, iddecidiet li taghtih cans iehor u regghet harget mieghu peress illi dak iz-zmien kienet ghadha thobbu. Regghu ghamlu tlett snin flimkien u iddecidew li jizzewgu, izda id-decizjoni kienet daqsxejn affrettata. L-attrici xehdet illi matul dawn l-ahhar tlett snin qabel ma izzewgu xorta wahda baqghu iqiesu li qeghdin f’loose relationship, minghajr stabbilita u b’nuqqas ta’ komunikazzjoni u l-imgieba taghhom kienet aktar dik ta’ ahwa. Kienu ghamlu il-kors ta’ Kana, izda il-konvenut mhux dejjem kien imur ghall-laqghat. L-attrici xehdet illi irrealizzat illi l-konvenut ma riedx illi jkollhom id-dar taghhom u lanqas ma ried illi jkollhom it-tfal. Baqghu johorgu dejjem ma grupp ta’ hbieb, izda il-konvenut kien qiesu beda ihoss illi kien wasal iz-zmien illi jizzewgu, izda ried jibqa jghix il-hajja ta’ guvni. Hija xehdet illi l-konvenut

halla il-preparamenti tat-tieg kollha ghaliha. L-attrici xehdet illi ghadda it-tieg, ghadda il-honeymoon u hija baqghet tahdem. Kienu jieklu ghand ommu u ma tantx kellhom privacy. Fl-ewwel sena taz-zwieg, ir-relazzjoni intima ta' bejniethom kienet normali, izda wara ftit xhur l-attrici innotat illi din ir-relazzjoni bdiet tinbidel peress illi l-konvenut ma baqghax iffittixha regolarment u meta kienet tkellmu dwar dan is-suggett kien jghidilha li jkun ghajjien, jew li ghandu hafna stress fuq ix-xoghol. Kienet tfittxu hi, izda kien igibilha l-iskuzi. Fl-ahhar, il-konvenut kien ammetta maghha li ma xtaqx tfal ghaliex ma ridtx ir-responsabbilita tat-tfal. L-attrici kompliet tixhed illi wara xi sena mizzewga il-konvenut ma fittixhiex iktar sesswalment u meta kienet tistaqsih ghalfejn, kien jghidilha li minhabba li ghandu stress, izda l-affarijiet baqghu sejrin ghall-aghar u inqatghet kull forma ta' komunikazzjoni bejnha u bejn il-konvenut. Il-konvenut beda johrog wahdu filghaxija u jdum barra sa l-4.00a.m. Hija kienet ikkonfrontatu u qaltlu li riedet titlaq u ghinha taghmel il-bagalji u ghalhekk isseparaw de facto fis-sena 2007.

Il-Qorti rat ix-xiehda ta' E B u F B, il-genituri ta' l-attrici, illi ikkollobaraw ix-xiehda illi tat l-attrici.

Il-Qorti semghet ix-xiehda tal-konvenut illi ikkonferma illi kien johrog ma l-attrici fi group ta' hbieb. Huwa ikkonferma li kellu problema tad-droga u kien ghamel program ghar-riabbilitazzjoni tad-droga. Il-konvenut ikkonferma wkoll illi kien bidel lill-attrici meta kien johrog maghha qabel iz-zwieg u meta hija skopriet dan il-fatt huwa kien ammetta maghha illi kien hareg mat-tfajliet ohrajn. Il-konvenut xehed illi qatt ma hassu bniedem taz-zwieg, izda ihossu bniedem tal-hbieb u illi kien izzewweg ghaliex shabu kollha kienu bdew jizzewgu u l-attrici riedet tizzewweg bil-fors. Il-konvenut xehed illi ma kienx jaf ezattament xi iffissru l-obbligazzjonijiet kollha taz-zwieg u illi kien ihobb lill-attrici bhala ohtu. Huwa xehed illi qatt ma ried tfal.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ser tezamina l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255. Illi hija gurisprudenza kostanti illi l-interpretazzjoni ta’ dan is-subinciz hija fis-sens illi l-eskluzjoni pozittiva ma tridx necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda tista’ tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens. (Vide sentenza ta’ din il-Qorti fl-ismijiet Nicolai Balzan vs Simone Cremona deciza fid-9 ta’ Marzu, 2000.)

Illi mir-rizultanzi processwali, l-Qorti rat illi tirrizulta simultazzjoni parzjali, u cioe’ l-eskuzjoni pozittiva ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u senjatament id-dritt ghal prokreazzjoni ta’ l-ulied, u dana peress illi irrizulta mill-provi prodotti, kif ukoll mix-xiehda ta’ l-istess konvenut, illi l-konvenut eskluda dan id-dritt ghal prokreazzjoni tal-ulied sa minn qabel ma izzewweg. Illi f’dan ir-rigward il-Qorti rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet Grech vs Grech deciza fid-9 ta’ Ottubru, 1990.

Illi fir-rigward ta’ l-Artikolu 19 (1) (d), dak illi jirrigwarda diffett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju, dejjem gie ritenut illi sabiex ikun hemm dan in-nuqqas irid jigi ippruvat l-inkapacita psikika, mhux necessarjament anomilaija psitika fis-sens mediku, psikjatriku, jew kostituzzjonali, u cioe’ li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew jiddeciedi liberalment fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.

Illi b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju l-legislatur ma riedx iffisser semplicement kwalsiasi stat ta’ immaturita ta’ parti jew ohra fiz-zwieg tista ikolla fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku.

Illi dejjem gie ritenut mill-Qrati illi jkun hemm difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kemm il-darba jirrizulta illi fil-mument tal-ghoti tal-kunsena taz-zwieg, parti jew ohra tkun priva b’mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik l-fakolta kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita affettiva li hija presupposta ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Effettivament, decizjoni jew ghazla zbaljata hi

perfettament kompatibbli ma diskrezzjoni ta’ gudizzju. Il-Qorti f’dan ir-rigward rat sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri deciza fl-10 ta’ Novembru 1995.

Illi partijiet f’kuntratt ta’ zwieg irid mhux biss ikollhom il-kapacita li jaghtu dak il-kunsens, izda l-kunsens irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta’ koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cioe’ li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta’ kollox u ta’ kullhadd. Ghalhekk, meta ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta’ dak li jgib mieghu z-zwieg, jinholoq dubju dwar kemm dak il-kuntratt huwa effettivament validu.

Illi sabiex il-kunsens ikun wiehed validu, l-parti li tesprimih trid tkun konxja tal-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet kollha li ggib maghha l-hajja mizzewga bhalma huma l-elementi ta’ unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli.

Il-Qorti tara illi f’dan ir-rigward ukoll irrizulta illi, meta ta l-kunsens tieghu ghaz-zwieg, il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju dwar il-hajja mizzewga u l-obbligi essenzjali taghha

Ikkunsidrat :

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-premessa ta’ l-attrici illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-Qorti rat illi mill-provi prodotti din il-premessa ma giet bl-ebda mod ippruvata fir-rigward tal-konvenut.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-28 ta’ Gunju 2004 huwa null u minghajr ebda effett fil-Ligi peress illi l-kunsens tal-konvenut kien

vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fil-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha izda tichad it-talba attrici illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b’anomalija psikologija serja li kienet taghmilha impossibli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; kif ukoll peress illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-esklussjoni posittiva ta’ wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga ossija id-dritt ghal prokreazzjoni ta’ l-ulied; bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------